MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 20/2002/1

**Avviz numru 20/02DM**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Mangion sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Anthony Mangion**

**Vs**

**Emanuel Colombo**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' elf disa' mija erbgha u tletin lira u erba' centezmi (Lm1934.04) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn din il-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta' periti nominandi, rapprezentanti Lm1834.04 danni li sofriet is-socjeta attrici bhala socjeta' assikuratrici u r-rimanenti Lm100 excess li l-attur Anthony Mangion hallas fuq il-polza, u dan wara l-incident

awtomobilistiku tal-31 ta’ Mejju, 2001, fi Triq Hannibale Preca, Lija, bejn il-vettura numru HAP 231 misjuqa minn Ruth Mangion u proprjeta ta l-assikurat Anthony Mangion u l-vettura numru DBB 296 misjuqa minnhu, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Novembru 2001 u ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikuratrici tal-konvenut, kontra l-istess konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta’ Ruth Mangion, is-sewwieqa awtorizzata mill-attur Anthony Mangion, minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha, hekk kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-15 t’Ottubru 2003 fejn id-difensur tal-konvenut iddikjara li mhux qed jikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi m'hemmx kontestazzjoni dwar il-fatt illi kienet Ruth Mangion qed issuq il-vettura tal-attur Anthony Mangion illi kienet qed issuq fit-triq principali u ghalhekk kellha d-dritta relattivament ghat-triq illi kien hiereg minnha l-konvenut Emanuel Colombo; infatti l-konvenut kien hiereg minn Triq tal-Mirakli li tifforma 'T  Junction' ma' Triq Annibale Preca u ghalhekk din hija triq sekondarja ghall-istess Triq Annibale Preca u inoltre l-konvenut kellu 'Stop Sign' fit-tarf tat-triq Tal-Mirakli sabiex tindika ukoll lill-konvenut illi kellu jghati d-dritta lil dak it-traffiku li kien qed juza t-triq principali qabel ma huwa jazzarda biex johrog fit-triq principali.

Inoltre, biex tiffacilita' l-viswali ta' l-istess konvenut, faccata tat-Triq tal-Mirakli, minn fejn kien hiereg, kien hemm mera apposta biex tindikalhu l-prezenza tat-traffiku iehor li seta' kien fil-vicinanzi u li seta' ma jkunx daqstant visibli meta sewwieq ikun ghadu qabel l-'Stop Sign'.

Ghalhekk m'ghandu ebda gustifikazzjoni l-konvenut Emanuel Colombo ghall-manuvra li ghamel, illi waslitu sa kwazi nofs it-Triq Annibale Preca, meta Ruth Mangion kienet diga' qieghda fil-vicinanzi tieghu tant illi l-istess konvenut jallega illi kif appena wasal f'dik il-posizzjoni ndikata fl-'sketch' intlaqat mill-vettura ta' Ruth Mangion.

Lanqas ma jista' jinghad illi l-konvenut ha xi prekawzjonijiet jew esplora z-zewg karregjati tat-triq principali qabel ma qabez l-'Stop Sign', ghaliex huwa anzi jallega illi ma ra lil hadd, mentri fil-fatt kien hemm fil-vicinanzi prossimi l-vettura misjuqa minn Ruth Mangion.

Ghaldaqstant ir-responsabbilita' tal-konvenut ghall-kollizjoni hija ampjament ippruvata.

Izda minn naha tieghu l-konvenut isostni illi Ruth Mangion ghandha ukoll tigi tenuta responsabbli ghall-istess kollizjoni billi hija kienet qieghda ssuq il-vettura taghha fuq in-naha hazina tat-triq u illi dan is-sewqan  irregolari kkontribwixxa ukoll ghall-kollizjoni.

Biex tirribatti din l-allegazzjoni Ruth Mangion issostni illi kienet instabet fuq dik in-naha tat-triq peress illi kienet giet sorpriza minn traffiku iehor u kienet ghada kif hadet azzjoni evaziva.

Ghalkemm hija l-kelma taghha biss li tikkostitwixxi prova ta' dan li qed tallega, xorta wahda l-pozizzjoni taghha fit-triq principali ma tistax titqies bhala li kkontribwit ghall-incident. Dan peress illi t-Triq Annibale Preca, kif anke jirrizulta mir-ritratti esebiti, hija triq ta' wisa' limitata hafna, u ma kien hemm xejn x'jippreklude lill-istess Ruth Mangion illi tkun iktar spostata lejn il-lemin milli suppost kienet, billi ma jirrizultax illi kien hemm xi traffiku iehor provenjenti mid-direzzjoni opposta.

Infatti l-istess Ruth Mangion setghet kienet ipparkeggjata fuq in-naha tal-lemin tat-triq u b'daqshekk ma jfissirx illi din ma setghet qatt ticcaqlaq minn go posta ghaliex instabet fuq in-naha tal-lemin taghha tat-triq.

Ghaldaqstant il-Qorti tikkonkludi li effettivament il-kawza unika u esklussiva tal-habta li grat bejn iz-zewg vetturi kienet in-nuqqas ta' prekawzjoni u esplorazzjoni tat-triq principali da parti tal-konvenut Emanuel Colombo li minn naha tieghu nvada t-triq principali ta wisa limitata meta kienet qed tintuza minn Ruth Mangion u ghaldaqstant ghandu jirrispondi ghad-danni totali illi gew ikkawzati f'din il-kollizjoni li grat responsabbilita' esklussiva tieghu.

Billi l-istess konvenut mhux qed jikkontesta l-*quantum* tad-danni kif mitlub mill-atturi, il-Qorti, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, qieghda tilqa' it-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qed tikkunndanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' elf, disa' mija, erbgha u tletin lira Maltin u erba' centezmi (Lm1,934.4) in kwantu ghas-somma ta' elf, tmin mija, erbgha u tletin lira Maltin u erba' centezmi (Lm1,834.4) lill-atturi Citadel Insurance p.l.c. fil-kwalita' premessa taghhom u rimanenti somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) lill-attur Anthony Mangion. Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-7 ta' Jannar, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------